# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **12/2022**

**GO PLC**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**KIMBERLEY CALLEJA**
[K.I. NRU. 74502L]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fil-11 ta' Jannar, 2022 fejn l-attrici talbet li l-parti konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett'elef, tlett mija, seba' u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,387.43c) rapprezentanti servizzi migbura fil-kont bin-numru 40935312, hekk kif ahjar deskritti, specifikati u elenkati fl-Avviz tat-Talba ta' din il-kawza. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxxijiet legali fuq l-ammont ta' sorte domandat sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-parti mharrka naqset milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2022 (*a fol*. 11), il-parti konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, l-imsemmija parti la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali parti mharrka, ghalhekk, kienet giet dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza tad-9 ta' Mejju, 2022.

It-Tribunal ha kont ta' dak li afferma bil-gurament rapprezentant tal-kumpannija attrici fl-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2022 fejn stqarret hekk: "*Ir-rapprezentant Maryanne Camilleri, wara li giet somministrata seduta stante il-gurament minn dan it-Tribunal, ikkonfermat bil-gurament taghha illi l-Attrici kienet u ghadha kreditrici fil-konfront tal-Konvenuta fl-ammont ta' EUR3,387.43, u li fil-mori ta' dan il-procediment ma sehh l-ebda pagament akkont tal-imsemmija cifra mill-Konvenuta u lanqas minn terzi ghan-nom tal-istess Konvenuta, u li ghaldaqstant, l-appena imsemmi ammont ghadu sallum interament dovut mill-Konvenuta lill-Attrici. Ghal kull bwon fini, Maryanne Camilleri, fil-kapacita' rapprezentativa taghha, ikkonfermat bil-gurament dawk id-dokumenti annessi mal-Avviz tat-Talba a fol.2, 3, 4, u 5 tal-atti.*" (ara *a foll*. 11–12).

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan.

Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-parti konvenuta biex thallas lill-istess attrici s-somma ta' tlett'elef, tlett mija, seba' u tmenin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,387.43c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-11 ta' Jannar, 2022 (li hi d-data ta' l-intavolar tal-prezzenti proceduri) li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-parti konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*